

**Dispożittiv:**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*
- 2) *Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 315, 22.12.2007, p. 46.

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' Ottubru 2007 — Strack vs Il-Kummissjoni****(Kawża F-119/07)**

(2008/C 183/63)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

**Partijiet**

*Rikorrent:* Guido Strack (Kolonja, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Tettenborn, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**Talbiet tar-rikorrenti**

- jannulla d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tat-30 ta' Mejju 2005, tad-19 ta' Diċembru 2006, tat-12 ta' Jannar 2007 u ta' l-20 ta' Lulju 2007 safejn huma jirrifjutaw l-implementazzjoni ta' proċedura ta' medjazzjoni indipendenti fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha bejn ir-rikorrent u l-konvenuta kif ukoll intervent minnufih tal-konvenuta u l-adozzjoni ta' miżuri ta' riżoluzzjoni ta' kunflitti;
- jannulla d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tas-26 ta' Frar 2007 u ta' l-20 ta' Lulju 2007 safejn huma jirrifjutaw il-ħlas ta' kumpens provviżorju b'mod konformi ma' l-Artikolu 19(4) tar-Regolament Komuni dwar l-Assigurazzjoni ta' l-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej kontra r-riskji ta' inċidenti u mard fuq il-post tax-xogħol;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ħlas lir-rikorrent tad-danni u l-interessi f'ammont xieraq li mhuxwix, f'kull każ, inqas minn EUR 15 000 għal ħsara morali u ħsara lis-saħħa kkawżata mid-deċiżjonijiet imsemmijin fit-talbiet preċedenti; tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tħallas l-interessi ta' ħlas tardiv b'rata annwali li taqbeż b'żewġ punti r-rata ta' interessi applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għat-tranżazzjonijiet prinċipali tiegħu ta' ffinanzjar mill-ġdid u dan, minn meta jitressaq ir-rikors u
- tikkundanna lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikorrent jibbaża l-ewwel u t-tieni kap tat-talba tiegħu fuq il-ksur tad-dmir ta' diliġenza impost fuq il-konvenuta fil-konfront

tar-rikorrent, il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u fuq il-projbizzjoni ta' abbuż ta' poter u fuq il-fatt li d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni huma vvizzjati bi żbalji ta' evalwazzjoni. Barra minn hekk, ir-rikorrent isostni, fir-rigward ta' l-ewwel żewġ kapi tat-talba, li d-deċiżjonijiet imorru kontra t-tieni sentenza ta' l-Artikolu 25(2) tar-Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej (iktar 'il quddiem ir-“Regolamenti tal-Persunal”) u li huma jiksru d-drittijiet fundamentali għall-integrità fiżika u għar-rispett tal-ħajja privata tar-rikorrent li huma stabbiliti permezz ta' l-Artikoli 3(1) u 7 (u, fir-rigward tat-tieni kap tat-talba, l-Artikoli 41 u 47) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea kif ukoll permezz ta' l-Artikolu 8 (u, fir-rigward tat-tieni kap tat-talba, l-Artikolu 13) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

Barra minn hekk, ir-rikorrent jgħid, in sostenn tat-tieni kap tat-talba, li d-deċiżjonijiet ikkontestati jiksru l-Artikolu 73 tar-Regolamenti tal-Persunal u d-dispożizzjonijiet proċedurali li jinsabu fir-Regolament Komuni dwar l-Assigurazzjoni ta' l-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej kontra r-riskji ta' inċidenti u mard fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari l-Artikoli 15 *et seq* ta' dan ta' l-aħħar.

Permezz tat-tielet kap tar-rikors, ir-rikorrent isostni li minħabba nuqqas fis-servizz li, fil-fehma tiegħu, ġie mwettaq mill-konvenuta, huwa intitolat għad-danni u l-interessi bħala kumpens għall-ħsara morali li huwa sostna taħt dan il-kap, bis-saħħa tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 288 tat-Trattat KE u tal-prinċipji ġenerali tad-dritt.

Fir-raba' kap tat-talba tiegħu, ir-rikorrent jitlob li l-konvenuta tiġi kkundannata għall-ispejjeż minħabba li hija tat lok għal dan ir-rikors permezz ta' l-affermazzjonijiet allegatament mhux minnhom li hija fformulat fid-deċiżjoni ta' rifjut ta' l-ilment fir-rigward ta' l-allegat opinjoni tal-kumitat medikali.

**Rikors ippreżentat fil-31 ta' Ottubru 2008 — Baniel-Kubinova et vs Il-Parlament****(Kawża F-131/07)**

(2008/C 183/64)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Barbora Baniel-Kubinova (Il-Lussemburgu, Il-Gran Dukati tal-Lussemburgu) *et* (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u E. Marchal, avocats)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew